newsbook MALTA

# Fr Rob Galea b’kunċert fil-Pjazza tal-Qala: Storja ta’ tama u fidi

Fr Rob iwassal il-messaġġ tiegħu lil miljuni u jispira żgħażagħ madwar id-dinja. Dħul għall-kunċert f'Għawdex huwa b'xejn.

Add as a preferred source on Google

Minn **Francesca Gauci** - 3 ta' Lulju 2026 4:48 PM




*Ritratt: Icon Ministry*

Il-Ħadd 26 ta’ Lulju ta’ din is-sena, il-Pjazza tal-Qala se tospita kunċert minn Fr Rob Galea, saċerdot, kantawtur, u awtur Malti magħruf fuq livell internazzjonali għall-mużika u l-messaġġ ta’ tama li jwassal.

Id-dħul għall-kunċert huwa kompletament bla ħlas, u l-pubbliku kollu huwa mistieden jattendi.

*1 minn 1*




*Ritratt: Icon Ministry*

## L-istorja ta’ Fr Rob Galea

Imwieled Malta u llum ibbażat fl-Awstralja, Fr Rob għandu storja li tispira lil ħafna żgħażagħ. Bħala żagħżugħ għadda minn żmien diffiċli ta’ ribelljoni, droga, serq, dipressjoni, u ansjetà fejn ħassu mitluf u bla direzzjoni.

Dan sakemm il-laqgħa tiegħu ma’ Alla bidlet ħajtu kompletament. Illum, permezz tal-vokazzjoni tiegħu u tal-mużika, iwassal messaġġ ta’ fidi, tama, u mħabba lil miljuni ta’ nies madwar id-dinja, b’mod partikolari liż-żgħażagħ.

Tul il-karriera tiegħu, Fr Rob ħareġ **għaxar albums**, rebaħ diversi premjijiet internazzjonali u kiteb numru ta’ kotba.

*1 minn 2*




*Ritratt: Icon Ministry*

Fost diski oriġinali ta’ Fr Rob insibu ‘**Only By Grace**‘, ‘**Love You**‘, ‘**See The Light**‘, ‘**Something About You**‘, ‘**Dominoes**‘ kantata mal-kantanta rinomata Maltija Ira Losco, ‘**Song of Love**‘ li hija diska tat-tiġijiet, u ‘**This is Where I Belong**‘, li hija l-aktar diska riċenti li ħareġ. Din ħarġet fl-14 t’Ottubru tal-2025.

Wieħed jista’ jsib id-diski fuq il-YouTube channel tiegħu.

Fr Rob kien ukoll parteċipant fil-programm X Factor Australia, ipproduċa kanzunetti uffiċjali għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, u kanta quddiem udjenzi ta’ mijiet ta’ eluf ta’ persuni.

## Ejja isma’ inti wkoll

Issa Fr Rob se jiġi jwassal il-messaġġ tiegħu f’Għawdex. Is-serata tibda fit-**8pm** bil-prestazzjoni tal-kantanta Għawdxija **Jolene Samhan**, qabel jibda l-kunċert live ta’ Fr Rob Galea flimkien mal-band tiegħu.

*L-organizzaturi qed jistiednu b’mod speċjali liż-żgħażagħ, lill-familji, u lil kull min jixtieq jisma’ storja ta’ tama, fidi, u konverżjoni, biex ikun parti minn din is-serata unika fil-Pjazza tal-Qala.*

## Icon Ministry

Fr Rob huwa l-fundatur ta' ICON Ministry li tilħaq iktar minn 2 miljuni ta' persuni fis-sena madwar id-dinja.

*Ara iktar fuq il-varjetà ta' xogħol li jsir fost l-oħrajn fi skejjel u f'pajjiżi missjunarji, kollaborazzjonijiet internazzjonali, kontenut fosthom il-podcast 'Outside the Chapel', korsijiet offruti, proġetti innovattivi, kif ukoll kif tista' tgħin u tkun parti minn din il-komunità*... Fuq is-sit iconministry.com.

*1 minn 2*




*Ritratt: Icon Ministry*

## Organizzat minn Radju Leħen il-Qala għat-30 anniversarju

Dan il-kunċert qed jiġi organizzat minn Radju Leħen il-Qala bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tat-30 anniversarju mit-twaqqif tar-radju fl-1996.

Radju Leħen il-Qala kien l-ewwel stazzjon komunitarju tar-radju f'Għawdex li kiseb liċenzja permanenti. Matul dawn it-tliet deċennji baqa' jwassal vuċi ta' fidi, servizz, u komunità lill-familji Qalin u lil emigranti Għawdxin madwar id-dinja.

Bħala parti minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet u fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp – iċċelebrata fl-ewwel Ħadd ta' Awwissu, ir-radju se jkun qed ixandar **skeda speċjali** mis-Sibt 18 ta' Lulju sal-Ħadd 2 ta' Awwissu.

Aktar minn 50 preżentatur – kollha fuq bażi volontarja, se jieħdu sehem f'din l-iskeda b'firxa ta' programmi mużikali, kulturali, reliġjużi, u ta' divertiment.

## Kif tista' ssegwi Radju Leħen il-Qala?

Wieħed jista' jsegwi Radju Leħen il-Qala fuq **106.3FM** jew online fuq **www.radjulehenil-qala.com**.

Fi stqarrija r-radju qal li s-suċċess ġie mid-dedikazzjoni, mill-involviment u s-sagrifiċċji tal-voluntiera, u bl-għajnuna t'Alla u tal-Patruni San Ġużepp u l-Immakulata Kunċizzjoni – "L-intenzjoni mhux li nieqfu hawn. Bil-gwida tal-Patruni tal-Qala, se nkomplu nwasslu leħen ir-radju fid-djar tas-semmiegħa".

**Francesca Gauci**